eBMS



# Malta

## Gwida għall-identifikazzjoni tal-friefet

Diġà hemm eluf ta’ voluntiera fl-Ewropa li qed jimxu ma program ta’ moniteraġġ tal-friefet bl’għan ta’ konservazzjoni. Dawn jiġbru dejta f’isem l-Iskema ta’ Monitoraġġ tal-Friefet (BMS) f’pajjiżi differenti. Fil-Gżejjer Maltin ukoll twaqqaf il-BMS nazzjonali li jinkludi bosta voluntiera li josservaw u jgħoddu l-friefet.

Din hija gwida għall-identifikazzjoni tal-friefet li jinstabu Malta, b’illustrazzjonijiet relatati ma’ l-iktar 30 speċi frekwenti li persuna għandha ċans tara’ fil-Gżejjer Maltin.

Din il-gwida ġiet iddiżinjata biex tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-friefet Mediterranji li jinstabu f’Malta waqt il-monitoraġġ imwettaq minn voluntiera li jipparteċipaw fl-Iskema Ewropea ta’ Monitoraġġ tal-Friefet – eBMS, b’illustrazzjonijiet ta’ l-ispeċi l-aktar rikonoxxibbli. Biex issib il-lista sħiħa tal-friefet f’Malta żur il-websajt www.butterfly-monitoring.net

***L-għadd tal-friefet jgħin biex jipproteġihom!***

## Malta

L-arċipelagu Malti jikkonsisti fi grupp żgħir ta' gżejjer baxxi, li jinsabu fiż-żona ċentrali tal-Mediterran, fil-lvant tas-soll Sikolo-Tuneżin. Il-klima bi sjuf sħan niexfa u xtiewi mxarrba ħfief, għandha influwenza profonda fuq il-bijota tal-Gżejjer, partikolarment fix-xejriet ta' distribuzzjoni tal-veġetazzjoni. Taħt ir-reġim klimatiku preżenti, il-gżejjer ma jsostnu l-ebda xmara perenni u lanqas lagi, filwaqt li l-ogħla altitudni hija 253 metri mill-ilma. L-ambjent tal-Gżejjer Maltin huwa deskritt bħala semi-naturali, l-aktar bħala riżultat ta' kolonizżazzjoni twila li wasslet għal bidla gradwali tat-terren. Il-foresti sklerofili li qabel kienu estensivi, llum huma limitati għal numru żgħir ta' siti, fil-biċċa l-kbira fregmentati, filwaqt li l-bijotopi ewlenin jinkludu firxa ta' garriga (inkluż 'phrygana') u komunitajiet steppiċi.



Boskijiet sekondarji, li jikkonsistu f'assemblaġġi ta' makja kemm indiġeni kif ukoll arkeofitiċi, jinstabu f'diversi sistemi ta' wiedien u rdumijiet. Għadd ta' abitati oħra jinkludu ekosistemi tax-xatt, għaram tar-ramel u żoni umidi, għalkemm, kemmxejn ristretti fil-firxa.

Il-friefet huma adattati għal ambjenti differenti li jokkupaw niċeċ differenti ta' ambjenti li jvarjaw minn boskijiet għal steppa. Xi speċi huma magħrufa li jagħmlu 'hilltopping' fuq meded sinifikanti ta' art, filwaqt li oħrajn għandhom it-tendenza li jokkupaw bċejjeċ ta' art relattivament iżgħar. Kolonizzazzjoni b'suċċess fit-tul tiddependi fuq id-disponibbiltà tar-riżorsi; dawn jinkludu pjanti li jospitaw ix-xagħat (larval food plants), sorsi tan-nektar u ambjent adattat biex isostnu l-vijabilità tal-popolazzjoni.

## Għaliex tosserva l-friefet?

Il-monitoraġġ tal-popolazzjonijiet tal-friefet huwa metodu importanti għall-kejl tal-bidliet fl-ambjent. Jipprovdi dejta regolari u standardizzata biex tivvaluta l-istat ta' konservazzjoni tal-friefet u tipproduċi indikaturi li jistgħu jinfurmaw il-politika ambjentali u agrikola Ewropej. Il-ġbir ta' dejta għall-iskema ta' monitoraġġ huwa mod interessanti u rilassanti kif tqatta' ftit mill-ħin liberu tiegħek waqt li tgħin tifhem l-istat ta' konservazzjoni tal-friefet Maltin.

## Metodoloġija biex tingħadd friefet

Tista' tgħodd il-friefet f'ħafna postijiet f'Malta; f'park, ġnien, viċin ix-xatt, madwar żoni msaġġra jew f'kwalunkwe mogħdijiet. Kull għadd huwa importanti. Fl-iskema Ewropea, l-aktar metodoloġija użata hija l-għadd tal-friefet tul **transetti**, bażikament, rotot fissi virtwali fejn il-friefet huma rreġistrati regolarment (idealment darba kull ġimgħa jew ġimagħtejn) matul il-perjodu tat-titjira tal-farfett partikolari (flight time). Tista' toħloq it-transett tiegħek qrib id-dar jew ix-xogħol tiegħek u b'hekk tkun tista' żżurha ta' spiss.

Għażla oħra hija li tirreġistra il-friefet permezz ta' għadd ta' **15-il minuta**, li tikkonsisti fl-għadd ta' friefet għal 15-il minuta f'żona partikolari. Din tista' tkun triq, żona delimitata (bħal ġnien) jew sempliċiment punt fiss. Malta għandha numru ta' żoni fejn il-friefet jistgħu jingħaddu fi kwalunkwe punt tal-ġurnata, b'għadd wieħed jew diversi 15-il minuta. L-għadd tal-friefet jikkontribwixxi għax-xjenza filwaqt li jgħin għall-protezzjoni tagħhom.

***Regoli bażiċi li għandhom jiġu segwiti waqt il-monitoraġġ tal-farfett:***

- Għodd l-ispeċi kollha tal-farfett f'kaxxa immaġinarja, 2.5m fuq kull naħa u 5m quddiem u 'l fuq minnek (bħal fl-istampa)
- Imxi t-transett / rotta tiegħek b'pass kajman u kostanti
- Iż-żjarat għandhom isiru f'temp tajjeb: xemxi u sħun, mingħajr xita u mingħajr wisq riħ
- Irrapporta r-rekords tiegħek lill-koordinaturi nazzjonali jew lil eBMS




***Fejn tissottometti d-dejta?***

Tista' tuża l-applikazzjoni tal-mobajl eBMS, '**ButterflyCount**', biex tirrekordja Counts ta' 15-il minuta jew transetti. Din l-applikazzjoni tista' tiġi installata fuq Android jew iOS u tippermetti l-għadd tal-friefet fil-pajjiżi Ewropej kollha. Awtorizza il-GPS tiegħek u l-app tirrekordja r-rotta tiegħek waqt li tgħodd il-friefet.

Jekk trid tgħinna ngħoddu l-friefet, tista' toħloq kont fuq il-websajt eBMS bl-għajnuna tal-koordinatur tal-BMS (www.butterfly-monitoring.net), u tista' mbagħad tibda tgħodd il-friefet!

## *Kif tuża l-Gwida*

F'din il-gwida, tista' ssib l-istampi tat-30 speċi ta' friefet li huma magħrufa li jinstabu f'Malta, inklużi speċi li huma relattivament prevalenti u xi wħud li huma kkunsidrati rari ħafna (magħrufa minn wieħed sa ftit individwi).

L-ispeċi tal-friefet huma organizzati f'5 familji (ara l-marġini tal-paġna). Kull speċi ta' farfett għandha kemm isem Ingliż komuni kif ukoll xjentifiku (miktub bil-korsiv). L-informazzjoni tinkludi l-perjodu tat-titjira ta' kull speċi, il-kategorija tad-daqs u l-istatus ta' okkorrenza (ara l-leġġenda fuq il-qoxra ta' wara tal-gwida). L-identifikazzjoni tal-farfett ħafna drabi ssir l-aħjar bl-użu tar-ritratti. Iċċekkja l-karatteristiċi dijanjostiċi enfasizzati bi vleġeġ jew ċrieki u rimarki biex jgħinuk fl-identifikazzjoni. Il-perjodu ta' xhur tat-titjira juri meta l-ispeċi tista' tidher. Għal xi speċi, din l-informazzjoni mhix inkluża minħabba l-ftit rekords li ġew irrappurtati, għalhekk, il-probabbiltà li tiltaqa' magħhom hija baxxa.






Swallowtail - *Papilio machaon*



| J | F | M | A | M | J | J | A | S | O | N | D |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

**PAPILIONIDAE**

# PIERIDAE




Large White - *Pieris brassicae*

J F M A M J J A S O N D

Green-Striped White
*Euchloe belemia*

*Rari (żewġ rekords)*




Bath White - *Pontia edusa*

J F M A M J J A S O N D




Small White - *Pieris rapae*

J F M A M J J A S O N D




Clouded Yellow - *Colias crocea*

J F M A M J J A S O N D




Cleopatra - *Gonepteryx cleopatra*

J F M A M J J A S O N D

# NYMPHALIDAE



Southern Comma - *Polygonia egea*

*Accidental* *(only 2 records)*




Large Tortoiseshell - *Nymphalis polychloros*

*Accidental* *(only 1 record)*




Speckled Wood - *Pararge aegeria*

J F M A M J J A S O N D




Wall Butterfly - *Lasiommata megera*

J F M A M J J A S O N D




Meadow Brown- *Maniola jurtina*

J F M A M J J A S O N D




Small Heath - *Coenonympha pamphilus*

J F M A M J J A S O N D



Red Admiral - *Vanessa atalanta*

J F M A M J J A S O N D




Painted Lady - *Vanessa cardui*

J F M A M J J A S O N D



Blachier's Grayling - *Hipparchia blachieri*

*Rari (tliet rekords)*



Plain Tiger - *Danaus chrysippus*

J F M A M J J A S O N D

## HESPERIIDAE




Pigmy Skipper - *Gegenes pumilio*

J F M A M J J A S O N D

## LYCAENIDAE



Green Hairstreak - *Callophrys rubi*

*Rari (rekord wieħed)*

## LYCAENIDAE




Long-Tailed Blue - *Lampides boeticus*

J F M A M J J A S O N D




Lang's Short-Tailed Blue - *Leptotes pirithous*

J F M A M J J A S O N D




Small Copper - *Lycaena phlaeas*

J F M A M J J A S O N D




Brown Argus - *Aricia agestis*

J F M A M J J A S O N D



Velvet-Potted Blue - *Azanus ubaldus*

Stabillit riċentament



Dark Grass Blue - *Zizeeria karsandra*

J F M A M J J A S O N D




Geranium Bronze - *Cacyreus marshalli*

J F M A M J J A S O N D




Holly Blue - *Celastrina argiolus*

J F M A M J J A S O N D




Silver-Studded Blue - *Plebejus argus*

Rari (rekord wieħed)




Chapman's Blue - *Polyommatys thersites*

Rari (żewġ rekords)




Southern Blue - *Polymmatus celina*

J F M A M J J A S O N D

Butterfly Conservation Europe u ċ-Ċentru tar-Renju Unit għall-Ekoloġija u l-Idroloġija (UKCEH) ffurmaw l-Iskema Ewropea ta' Monitoraġġ tal-friefet (eBMS) biex tinġabar dejta minn skemi differenti ta' monitoraġġ tal-friefet madwar l-Ewropa. Il-pajjiżi membri kollha jaqsmu din d-dejta kull sena mad-*database* eBMS, biex janalizzaw ix-xejriet tal-popolazzjoni tal-ispeċi tal-friefet Ewropej u l-indikaturi ta' dawn l-ispeċi.

Żur il-websajt eBMS www.butterfly-monitoring.net biex titgħallem kif tibda t-transett tiegħek u kif tirrekordja d-dejta tal-friefet. Jekk trid tgħinna ngħoddu l-friefet, ikkuntattja lill-koordinaturi nazzjonali: Prof. Louis F Cassar
louis.f.cassar@um.edu.mt u butterflymonitoring@um.edu.mt

Din il-gwida ġiet iffinanzjata minn DG-Env (Kummissjoni Ewropea) taħt il-kuntratt tas-servizz SPRING u jinstab u jitniżżel mill-websajt eBMS:
www.butterfly-monitoring.net/field-guides

Awturi: Cristina G. Sevilleja (ABLE project officer), Louis F. Cassar (Institute of Earth Systems, University of Malta), John J. Borg (National Museum of Natural History) and Christa M. Pisani (Institute of Earth Systems, University of Malta).

Fotografija: Guido Bonett, Aldo Catania, Sergio B. Marques Teixeira, Martin Wiemers and Chris van Swaay. Paolo Mazzei and Marco Bonifacino (www.lept.its)

Disinn grafiku: Eveline van der Jagt

eBMS - European Butterfly Monitoring Scheme
SPRING - Stregthening Pollinator Recovery through INdicators and monitorinG

CC BY NC SA

Status ta' okkorrenza: Nattiv, Aljen, Migrant

Il-perjodi tat-titjira ntgħażlu abbażi ta' Cassar, L. F. (2018). *A revision of the Butterfly Fauna (Lepidoptera - Rhopalocera) of the Maltese Islands.* Naturalista Sicil., S. IV, XLII (1), pp. 3-19. Palermo.

Perjodi tat-titjira: xhur meta jidhru friefet

| J | F | M | A | M | J | J | A | S | O | N | D |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

Daqs tal-farfett:
żgħir, medju, kbir

Sess:
♀ Mara' ♂ Raġel

Simboli oħra:
→ ◯ Karatteristiċi speċifiċi biex tiġi identifikata l-ispeċi

L-Università ta' Malta
Institute of Earth Systems
National Museum of Natural History
SPRING
UK Centre for Ecology & Hydrology
Butterfly Conservation Europe
UFZ Helmholtz Centre for Environmental Research
eBMS
Butterfly Conservation
De Vlinderstichting